MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 2200/2000/1

**Dr. Ivan Gatt bhala mandatarju specjali ta' Air Action Couriers Ltd**

**vs**

**Wings Couriers Limited**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attur *nomine* fid-29 ta' Settembru, 2000, li *in forza* taghha, wara li ppremetta illi:

Is-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' sebat'elef, mitejn u tlieta u tmenin lira Sterlina u sebgha u sittin *pence* (liri Sterlini 7283.67) jew ekwivalenti taghhom f'liri Maltin dovuti lis-socjeta' attrici ghal servizzi resi;

Is-socjeta’ konvenuta ghalkemm interpellata diversi drabi biex thallas, xorta wahda baqghet ma hallsitx l-ammont dovut;

Talbu lis-socjeta’ konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. tiddikjara illi s-socjeta’ konvenuta hija debitrici tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ sebat’elef, mitejn u tlieta u tmenin lira Sterlina u sebgha u sittin *pence* (liri Sterlini 7283.67) jew ekwivalenti taghhom f’liri Maltin dovuti lis-socjeta’ attrici ghal servizzi resi;

2. tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ sebat’elef, mitejn u tlieta u tmenin lira Sterlina u sebgha u sittin *pence* (liri Sterlini 7283.67).

Bl-interessi legali u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 17 ta’ Gunju, 1999, kontra s-socjeta’ konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata relattiva;

Rat li s-socjeta’ konvenuta ma resqetx nota tal-eccezzjonijiet fit-terminu impost bil-ligi;

Rat id-decizjoni ta’ din il-Qorti tad-29 ta’ Novembru, 2001, li *in forza* taghha ddikjarat li l-kumpanija mharrka wriet raguni tajba biex tithalla tikkontesta l-kawza, u laqghet it-talba taghha biex tressaq nota tal-eccezzjonijiet ghat-talba maghmula kontriha mill-attur *nomine*, u ghal dan il-ghan, tat lill-istess kumpanija mharrka ghoxrin jum biex taghmel dan;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta li *in forza* taghha eccepiet illi:

1. Ic-citazzjoni attrici hija nieqsa minn dettalji sostantivi *stante* li fic-citazzjoni s-socjeta’ attrici naqset milli tindika l-perjodu li fih l-ammont indikat gie dovut, u naqset milli

tindika l-kuntratt jew ftehim relattiv li fuqu qed tibbaza l-azzjoni taghha.

2. Dejjem bla pregjudizzju ghas-sueccepit l-azzjoni attrici hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez peress illi l-kuntratt *a basi* ta' liema din l-azzjoni giet maghmula huwa xolt *ipso jure* skond l-Artikolu 117 tal-Kapitlu 13 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Subordinatament u minghajr pregjudizzju ghas-suecepit, l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici mhuwiex dovut peress illi l-istess socjeta' attrici naqset milli tipprovdi s-servizzi skond kif miftiehem bejn il-partijiet, u *inoltre* l-eccipjenti sofriet danni konsiderevoli minhabba f'tali nuqqasijiet.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontro-talba mressqa mis-socjeta' konvenuta li *in forza* taghha, wara li ppremettiet illi:

Is-socjeta' attrici rikonvenzjonata kienet wieghedet li ser tipprovdi servizz lis-socjeta' konvenuta, *a bazi* ta' ftehim fuq negozju ta' *"courier service"*.

Tali servizz kellu jinkludi, fost diversi affarijiet ohra, l-uzu ta' *"computer network"* internazzjonali u access rapidu ghal informazzjoni ohra simili, liema servizzi, izda, assolutament ma gewx ipprovduti mis-socjeta' attrici rikonvenzjonata.

Is-socjeta' konvenuta kienet lahqet intrabtet ma' klijenti taghha ohra sabiex dan is-servizz inwieghed lilha tibda' tipprovdih hi, izda minhabba dawn in-nuqqasijiet, sabet ruhha f'impossibilita' li twettaq tali obbligazzjonijiet, u ghalhekk kellha tinkorri spejjez sostanzjali sabiex taghmel tajjeb ghal dawn l-istess nuqqasijiet.

Dawn in-nuqqasijiet ikkawzaw danni konsiderevoli u sostanzjali lis-socjeta' konvenuta, ghal liema dannu tahti unikament is-socjeta' attrici rikonvenzjonata.

Talbu lis-socjeta' attrici tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara s-socjeta' attrici rikonvenzjonata unikament responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' konvenuta.

2. tillikwida d-danni hekk sofferti mis-socjeta' konvenuta.

3. tikkundanna lis-socjeta' attrici rikonvenzjonata thallas lis-socjeta' konvenuta d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tad-danni sofferti sal-effettiv pagament, kontra s-socjeta' attrici rikonvenzjonata ingunta *in subizzjoni*.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur *nomine* ghal-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta li *in forza* taghha eccepixxa illi:

1. Id-domandi tas-socjeta' konvenuta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li s-socjeta' attrici dejjem agixxiet skond it-termini tal-ftehim u kienet is-socjeta' konvenuta li kienet inadempjenti u ma zammitx mal-kuntratt, u ghalhekk is-socjeta' attrici ma hija responsabbli ghall-ebda danni allegatament sofferti mis-socjeta' konvenuta, u dana kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati relattivi;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet f'din il-kawza u f'dik konnessa maghha b'citazzjoni numru 2162/00;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Il-meritu ta’ din il-kawza jikkoncerna *franchise agreement* li gie iffirmat bejn il-partijiet fit-12 ta’ Marzu, 1996. Il-kwistjonijiet li nholqu wara dak il-ftehim gew diskussi u trattati minn din il-Qorti fil-kawza b’citazzjoni numru 2162/00TM (fl-ismijiet *“Dr. Ivan Gatt bhala mandatarju specjali ta’ Air Action Group Ltd vs Wings Couriers Ltd”*) u li giet deciza illum stess minn din il-Qorti. Biex tigi evitata ripettizzjoni tal-argumenti mressqa, din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak kollu li intqal f’dik is-sentenza li ghandu japplika u jitqies jghodd ukoll ghal din il-kawza. Minn dik is-sentenza jirrizulta li s-socjeta’ attrici ma kienetx inadempjenti fl-obbligazzjonijiet taghha, u t-terminazzjoni tal-kuntratt hu imputtabbli b’mod esklussiv lis-socjeta’ konvenuta, li naqset li tagixxi skond it-terminu tal-ftehim, u kienet responsabbli wkoll ta’ agir illegali u abusiv fil-konfront tas-socjeta’ attrici.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza billi, fl-ewwel lok, tilqa’ l-eccezzjoni tas-socjeta’ attrici ghall-kontro-talba tas-socjeta’ konvenuta u tichad it-talbiet tas-socjeta’ konvenuta kontenuti fil-kontro-talba taghha, u, fit-tieni lok, tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, u wara li tilqa’ t-talbiet attrici, tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici l-ekwivalenti fi flus Maltin skond ir-rata tal-kambju ta’ illum tas-somma ta’ Lstg 7283.67 (seba’ t’elef, mitejn u tlieta u tmenin liri sterlini u seba’ u sittin *pence*), rapprezentanti hlas ghas-servigi rezi, bl-imghax legali mit-12 ta’ Marzu, 2001, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------